



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-1372/2016**

15.12.2016

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prevenzjoni tar-rabja tal-klieb

**Mireille D'Ornano**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-prevenzjoni tar-rabja tal-klieb**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, skont studju tas-16 ta' April 2015 tal-Alleanza Globali Kontra r-Rabja, din il-marda tikkawża 59 000 mewt annwali fid-dinja u tikkorrispondi għal telfa ekonomika stmata li hija USD 8,6 biljun annwali;
- B. billi minkejja l-fatt li din il-patoloġija, ikkawżata fid-99 % tal-każijiet mill-klieb, inqerdet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Ewropej tal-Punent, hija għadha f'livelli endemiċi f'ċerti Stati Membri tal-Ewropa tal-Lvant;
- C. billi, skont studju tas-27 ta' Ġunju 2015 tal-Istitut Nazzjonali Veterinarju tan-Norveġja, il-leġiżlazzjoni armonizzata għall-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ekonomika Ewropea, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2012, ma tiżgurax protezzjoni adegwata kontra r-rabja, peress li minn 75 kelb ittestjat minn Stati Membri tal-Ewropa tal-Lvant, bejn 53 % u 95 % kellhom livelli insuffiċjenti ta' antikorpi;
1. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tawtorizza lill-Istati Membri biex jieħdu huma stess azzjonijiet ta' protezzjoni adegwata dwar it-tranżitu ta' animali domestiċi minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.